ALBANIA
& THE BALKAN TREASURES

Skopri l-ġmiel tal-Albanija bejn bliet storiċi, il-kosta mill-isbaħ u xenarji naturali spettakolari, bl-**eskursjonijiet u l-entraturi kollha inklużi**.

Grupp A	Grupp B	Grupp Ċ
23 - 31 ta’ Marzu	**23 ta’ April - 1 ta’ Mejju**	**18 - 26 ta’ Ġunju**



Saranda - Ir-Riviera Albaniża

L-Ewwel Jum - Tirana

Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta fis-06.20 għat-titjira diretta tar-Ryanair **FR6339** lejn Tirana, li titlaq fit-08.20. Naslu fid-09.50. Mal-wasla tagħna niltaqgħu mar-rappreżentant lokali u nitilqu lejn il-**Hotel Bazaar 4★ f’Tirana**. Wara li ningħataw il-kmamar, ikollna ħin liberu biex nistrieħu jew nagħmlu l-ewwel dawra mal-madwar u nibdew ingawdu l-atmosfera tal-kapitali Albaniża.

It-Tieni Jum - Tirana u Kruja

Breakfast u nibdew żjara bil-mixi ma’ gwida lokali f’**Tirana**, belt li tgħaqqad l-istorja ma’ ħajja moderna u bini mlewna. Matul id-dawra nsiru nafu aktar dwar il-kapitali u l-passat tagħha. Wara nofsinhar nitilqu lejn **Kruja**, belt storika mibnija fuq l-għoljiet u marbuta mal-eroj nazzjonali Albaniż, Skanderbeg. Inżuru l-**Mużew ta’ Skanderbeg**, fejn insiru nafu aktar dwar ħajtu u l-ġlieda tiegħu. Wara jkollna ħin fil-**Bazaar l-Antik**, bi toroq dojoq biċ-ċagħaq u ħwienet li jbigħu artiġjanat, twapet u tifkiriet tradizzjonali. Aktar tard nirritornaw lejn il-hotel f’Tirana.

It-Tielet Jum - Berat

Eskursjoni ta’ ġurnata lejn **Berat**, belt imniżżla fil-lista tal-Wirt Dinji tal-UNESCO. Magħrufa bħala l-“Belt tal-Elf Tieqa”, Berat tispikka għad-djar bojod tradizzjonali tagħha li jitilgħu mal-ġenb tal-għoljiet. Flimkien mal-gwida nżuru ċ-ċentru storiku, il-**Kastell ta’ Berat** u l-**Mużew Ikonografiku ta’ Onufri**, fejn naraw kollezzjoni ta’ ikoni reliġjużi u xogħlijiet ta’ arti. Il-kastell joffri wkoll veduti sbieħ fuq il-belt u l-wied tax-Xmara Osum. Filgħaxija nirritornaw lejn Tirana.

ALBANIA

Ir-Raba’ Jum - Durres, Vlore, Llogara, Dhermi u Saranda

Inħallu Tirana u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn in-Nofsinhar tal-Albanija, ngħaddu minn **Durres** u **Vlore** u nkomplu tul ir-**Riviera Albaniża**. Matul il-vjaġġ ngħaddu mill-inħawi tal-**Park Nazzjonali ta’ Llogara** u minn **Dhermi**, magħrufa għall-kosta sabiħa tagħha. Din tkun ġurnata mimlija xenarji differenti, bejn muntanji, ħdura u veduti tal-Baħar Jonju. Nagħmlu waqfiet għar-ritratti biex ingawdu l-ġmiel ta’ dawn l-inħawi. Tard wara nofsinhar naslu **Saranda**, waħda mill-aktar lokalitajiet popolari mal-baħar fl-Albanija, fejn ningħataw il-kmamar fil-**Hotel Bougainville Bay 5★**.

Il-Ħames Jum - Butrint u Saranda

Fid-9.00am nitilqu lejn il-**Park Arkeoloġiku ta’ Butrint**, sit imniżżel fil-lista tal-Wirt Dinji tal-UNESCO. F’ambjent naturali mill-isbaħ, niskopru l-fdalijiet ta’ belt antika li għaddiet minn diversi ċiviltajiet. Fost il-fdalijiet insibu t-teatru antik, ħitan storiċi u bini li jfakkarna fl-importanza li kellha din il-belt matul iż-żminijiet. Wara ż-żjara nirritornaw lejn **Saranda**, fejn ikollna wara nofsinhar liberu. Nistgħu ngawdu mixja tul il-promenade, nieqfu għal xi ħaġa f’wieħed mill-kafetteriji jew sempliċement nirrilassaw ħdejn il-baħar.

Is-Sitt Jum - Gjirokaster u l-Blue Eye

Illum nitilqu għal eskursjoni ta’ ġurnata lejn **Gjirokaster** u l-**Blue Eye**. Nagħmlu waqfa fil-Blue Eye, magħrufa lokalment bħala **Syri i Kaltër**, għajn naturali li tispikka għall-ilma ċar u l-ilwien blu u ħodor tagħha, imdawra b’ħafna ħdura. Inkomplu lejn **Gjirokaster**, belt oħra mniżżla fil-lista tal-Wirt Dinji tal-UNESCO. Magħrufa bħala l-“Belt tal-Ġebel”, din tispikka għad-djar tradizzjonali bis-soqfa tal-ġebel u t-toroq dojoq tagħha. Inżuru ċ-ċentru storiku u l-**Kastell ta’ Gjirokaster**, li jiddomina l-belt minn fuq l-għolja u joffri veduti sbieħ fuq il-wied. Wara nirritornaw lejn il-hotel f’Saranda.

Is-Seba’ Jum - Saranda, Vlore u Berat

Inħallu Saranda u nitilqu lejn il-belt kostali ta’ **Vlore**, fejn il-baħar u l-istorja jingħaqdu flimkien. Din il-belt għandha importanza speċjali għall-Albanija, għax hawnhekk ġiet iddikjarata l-indipendenza tal-pajjiż fl-1912. Nagħmlu żjara fiċ-ċentru l-antik, b’bini tradizzjonali rrestawrat, toroq attraenti u kafetteriji. Ikollna wkoll ħin liberu biex induru u ngawdu l-atmosfera tal-post. Wara nofsinhar inkomplu lejn **Berat**, fejn ningħataw il-kmamar fil-**Hotel Colombo 5★**.



Blue Eye - Syri i Kaltër

ALBANIA

It-Tmien Jum - Berat u Pupa Winery

Filgħodu nitilgħu bil-coach lejn il-**Kastell ta’ Berat**, fejn ikollna l-opportunità nkomplu niskopru din iż-żona storika. Ġewwa l-ħitan tal-kastell għadhom jeżistu djar tradizzjonali u knejjes antiki, li jagħtu lil dan il-post karattru speċjali. Il-programm jinkludi wkoll żjara fil-**Mużew Ikonografiku ta’ Onufri**, li jinsab ġewwa l-kastell. Għall-ħabta ta’ nofsinhar nitilqu lejn **Pupa Winery**, madwar nofs siegħa bogħod minn Berat. Hawnhekk ingawdu esperjenza marbuta mat-tradizzjoni tal-inbid Albaniż, b’**Lunch u degustazzjoni tal-inbid inklużi**. Wara din iż-żjara nirritornaw lejn il-hotel f’Berat.

Id-Disa’ Jum - Tirana

Nitilqu mill-hotel lejn l-ajruport ta’ Tirana għat-titjira diretta tar-Ryanair **FR6340**, li titlaq f’12.00 u twassalna lura Malta fis-13.35.

Nota għall-Grupp A: It-titjira minn Malta lejn Tirana titlaq fl-10.30. Il-ħin tal-laqgħa fl-ajruport ikun fit-08.30.

PREZZ KULL PERSUNA

Eskursjonijiet, Entraturi u Taxxi Inklużi

	Prezz Skontat
Kamra ta’ tliet persuni	**€1010**
Kamra ta’ żewġ persuni	**€1010**
Kamra ta’ persuna waħda	**€1195**
Tfal sa 11-il sena	**€900**
Suppliment Grupp Ċ	**€70**

Il-prezz jinkludi:

- Titjiriet diretti mar-Ryanair għal Tirana
- Bagalja ta’ 20kg
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- Entraturi
- Lunch u wine tasting
- Hotels 4 u 5 star f’Tirana, Saranda u Berat
- Buffet breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour leader Malti
- Insolvency protection

Jista’ jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.

Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.